MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1535/2004

**The Food House Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Awissu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erbgha mija u sebgha u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,497.66) rapprezentanti hlas ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta’ Frar 2004 u bl-imghax legali mill-1 ta’ Jannar 2002 sal-effetiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erbgha mija u sebgha u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,497.66) u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2002 sal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------